# SANTA KATARINA

L-istatwa Titulari ta' Santa Katarina taż-Żurrieq hija waħda mill-isbaħ vari proċessjonali li hawn f'Malta. Il-parti ta' fuq tagħha hija skolpita biċċa waħda fl-injam tal-arżnu, iżda mill-qadd 'l isfel huwa maħdum minn seratizzi tal-arżnu nkullati flimkien. Id-dirgħajn u r-ras huma maħduma separatament u mminċottjali fil-post, u bl-istess mod inħadmet il-maskla tal-wiċċ biex qabel kollox ikunu jistgħu jitpoġġew l-għajnejn.



*Referenzi: "Santa Katarina - Il-Festa u s-Soċjeta' Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq" Anthony Mangion u Karmenu Zerafa.*

# DIMOSTRAZZJONI TA' L-AĦĦAR TRIDU

Għall-Festa tal-1976, din l-istatwa ta' Santa Katarina ġiet armata għall-aħħar darba fi Triq Rjali. F'Settembru tal-1977 ġiet armata f'Misraħ Churchill fost il-filosfi li jiġu armati madwarha fil-pjazza. Din l-istatwa xogħol l-istatwarju Vincenzo Cremona, inħadmet fil-bidu ta' dan is-seklu. Fl-aħħar jum tat-tridu tal-Festa Titulari, isir marċ popolari u brijuż mill-Banda Santa Katarina.

Id-dimonstrazzjoni ta' din l-istatwa ssir ma diversi toroq.



# *BRADELLA TA' L-ISTATWA TITULARI*

Il-ħsieb li jsir bankun jew bradella artistika li tagħmel ġieħ lill-istatwa titulari tal-Marjani kien ilu jberren sa minn wara l-gwerra. Kella tkun il-ħeġġa ta' l-Arċipriet Gauci, u l-ġenerożita' tas-Sur Alfons Gauci, devot kbir ta' Santa Katarina, biex il-ħolma tal-bradella ssir realta'. Fl-1951 sar id-disinn tal-bradella minn taħt idejn l-imgħallem skultur Manuel Buhagiar (1872 - 1962), wieħed mill-aqwa disinjaturi ta' dan is-seklu.

Id-disinn ta' Manuel Buhagiar ma kienx taċ-ċajt, u huwa meqjus fost l-awqa disinni li ħarġu minn taħt idejħ. Id-disinn kellu l-kumplessita' tiegħu, fosthom l-istatwi rosetti, u mazzunetti, hekk li diversi mgħallmin lokali kienu rrifjutaw li jidħlu għal dan ix-xogħol. L-Arċipriet Gauci avviċina lis-Sur Alfons Gauci (1884 - 1980) u l-martu Ġuzeppina mwielda Saydon (ob 1976) u dawn urew il-ħsieb tagħhom li jħallsu l-proġett kollu minn buthom.
Wara li ġabu l-permess meħtieġ mill-Awtoritajiet Ċivili, l-Arċipriet Gauci ta r-rumissjoni lid-ditta "Ferdinanda Parathoner e Figli" ta' Ortisei, Bolzano, fl-Italja. Il-mexxej tad-ditta kien ġie Malta fit-8 ta' Diċembru 1957, fejn żar il-knisja arċipretali u fela tajjeb il-vara li għaliha kienet ser tinħadem il-bradella.

Fit-28 ta' Mejju 1958 kienet waslet il-bradella hawn Malta. Kif waslu ż-Żurrieq, il-kaxxi daħlu dritt fl-Oratorju, fejn l-irġiel qabdu jarmaw il-bradella fil-prezenza ta' bosta għajnejn imxennqa biex jaraw din l-opra tas-seher. Prezenti kien hemm ukoll Manwel Buhagiar.

Il-Bradella nħadmet minn injam tal-ġewz, u kull faċċata tagħha għandha tlett taqsimiet. Fit-taqsima tan-nofs, li jiġi ċentru ta' kull faċċata, hemm xbieha allegorika ta' waħda minn erba' virtujiet u l-arzelel tagħhom huma maħduma b'majestija kbira. Fuq kull naħa ta' kull virtu, fiż-żewġ taqsimiet l-oħra ta' kull faċċata hemm ukoll niċeċ oħrajn iżgħar għall-żewġ statwetti li jirrappreżentaw lill-qaddison verġni u martri ta' l-ewwel żminijiet tal-knisja. Dawn l-istatwi flimkien ma' erba' puttini huma kollha xogħol maħdim fil-bronż. B'hekk il-bradella għandha erba' statwi kbar tal-virtujiet kardinali u tmien statwetti tal-verġni. Il-preġju ta' kull faċċata tal-bradella mhux qiegħed f'dawn il-figuri biss iżda wkoll f'dawn ir-rożetti u mazzettuni li jifirdu u jżejnu d-diversi taqsimiet tagħha.

Il-benefattur (Alfons Gauci) baqa' sa l-aħħar ta' ħajtu jiġi jara l-bradella tintrama' u tintrefa' sa meta ħasbulha għall-post permanenti f'kaxxa tal-ħġieġ fejn tista' titgawda s-sena kollha fis-sagrestija. Minn naha tagħha d-ditta Parathoner għadha sa llum tgħozz it-tifkira tax-xogħol li ħadmet għal knisja taż-Żurrieq u kull min jirnexxielu jżur il-fabrika f'Ortesei għandu jara, fost ir-reklami, ritratt tal-bradella famuża taż-Żurrieq.



*Referenzi: "Santa Katarina u l-Festa u s-Soċjeta' Mużikali Tagħha fiż-Żurrieq" A. Mangion u K. Zerafa (paġni 205-206)*

# *STATWI TA' FUQ IZ-ZUNTIER*

Dawn l-istatwi juru episodji mill-ħajja ta' Santa Katarina:

a) L-inkurunazzjoni tal-Qaddisa minn Ġesu Kristu filwaqt li

b) l-Martirju ta' qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina.

Dawn huma żewġ statwi minn erbgħa li huma kapolavur ta' l-istatwarji Kav. Mikiel Camilleri Cauchi u Alfred Camilleri Cauchi respettivament.

Fil-ġranet tal-festa titulari, iz-zuntier jieħu xejra differenti: xena mprezzabli li tpaxxi l-għajnejn!





# *PLANĊIER ARTISTIKU*

Dan il-planċier ġie mżanżan fis-26 t'Awissu 1956. Tbierek mill-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi u nawgurat mill-Gvernatur Sir Robert Laycock. Għaċ-ċerimonja ta' l-inawgurazzjoni ġew mistiedna diversi persuni distinti - Membri Parlamentari tad-Distrett, Arċipriet u l-membri tal-Kleru kif ukoll dawk kollha li ħadmu fil-planċier tant Artistiku.



# *POST TAN-NAR*

Il-post tan-nar li ġie inawgurat mill-President Onorarju s-Sur Ġużeppi Gauci O.B.E. u tbierek mill-Arċipriet Dun Anton Vella fis-16 ta' Marżu 1986.



# *TUŻELL TA' L-ALTAR MAĠĠUR*

It-Tużell tal-altar maġġur li naraw illum nhar il-festa, iżżanżan fis-sena 1877. Kien opra oħra ta' żmien il-kappillan Dun Vinċens Schembri imma sar bit-tħabrik tal-prokuratur Dun Stiefnu Zammit. Kien ġie jiswa 3,127 skud.

Id-disinn tat-tużell ħareġ minn taħt idejn Cesare Galdes. Imbagħad inxtara d-drapp li jdawwar it-tużell 48 patalott ta' bellus kremżi, li ġie rrakkmat 'a riliero' (rakkmu fuq disinn tal-ġild biex jiġi mqabbeż 'l barra) bil-ħajt fin tad-deheb u nfurrat. Dan ix-xogħol ta' drapp u rakkmu kien sar kollu permezz ta' ditta l-aħwa Busuttil (ir-Ramli) tal-Belt Valletta. t-tużell huwa msebbaħ bi freneż u ġmiemen tad-deheb.

L-iskultura tal-injam tat-tużell, skultura verament sabiħa ħadimha l-imgħallem Paolo Bugeja. L-induratura li saret fuq l-injam skolpit tat-tużell kienet saret mill-imgħallem Paolo Paris.

Sentejn wara li żżanżan, voldiri fl-1879, it-tużell kompla ġie msebbaħ billi fiċ-ċelu tiegħu fuq ġewwa tpoġġiet raġġiera bix-xbieha tal-ħamiema simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu. Din ir-raġġiera nħadmet minn Pasquale Aguis filwaqt li Paolo Bugeja ħadem ix-xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu. L-indoratura tagħhom kienet saret mill-imgħallem Paolo Paris. Imbagħad aktar tard fl-istorja, fi żmien l-Arċipriet Ghigo (c.1928), il-prokuratur Dun Pawl Saydon ħa ħsieb jordna l-loppa skolpita ta' l-istess tużell, li pero tfarrket fil-gwerra nhar it-23 ta' Lulju 1942. Il-loppa l-ġdida li naraw illum hija disinn u xogħol ta' Mose' Mifsud u ndurata tad-Ditta Francesco Coleiro.

*Referenzi "Santa Katarina, il-Festa u s-Soċjeta Mużikali Tagħħa fiż-Żurrieq (paġni 165-168)*



# *BANDALORI*

(a) 


(b) 


Ir-ritratt ta' hawn fuq juru żewġ bandalori, (a) l-emblema tal-Banda, (b) l-iskrizzjoni tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Ix-xogħol tal-ħjata sar mis-Sinjorina Anna Cachia u xogħol taż-żebgħa sar mis-Sur Jeremy Cachia (segretarju). Dawn iżżanżnu fil-festa 1992.

# *MINN FUQ IZ-ZUNTIER GĦAL TRIQ SANTU FORMOSA*

Għall-festa tas-sena 1980 ġiet imżanżna din l-istatwa ta' l-Għerusija ta' Santa Katarina ma' Ġesu' Bambin flimkien ma' l-istatwa l-oħra tal-Martirju ta' l-istess qaddisa. Dawn il-grupp ta' statwi kienu jintramaw fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali. Din l-istatwa flimkien ma' l-oħra huma xogħol ta' l-istatwarju Ġlormu Dingli tar-Rabat. L-istatwi ġew imbierka mill-Arċipriet Dun Anton Vella f'ċerimonja wara l-quddiesa tat-TE DEUM. Din l-istatwa issa qegħdin narawha tintrama' fi Triq Santu Formosa.



# *IL-MARTIRJU TA' SANTA KATARINA V.M.*

Ix-xogħol sar mill-istatwarju Vinċenzo M. Cremona fis-sena 1899. Għall-festa ta' Settembru 1987 ġew maħduma żewġ tarġiet għal taħt il-pedistall. Saret l-iskultura, iż-żebgħa rħamata u l-induratura.

